

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

DEĊIŻJONI Nru 1098/2008/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 2008

dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

għall-ilħuq tal-mira strateġika għal għaxar snin ta' l-Unjoni għat-tkabbir ekonomiku, għal iżjed impjiegi u impjiegi aħjar u għal koeżjoni soċjali akbar.

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

(4) Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex iħallu "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar" sa l-2010. Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona b'hekk qabel li jadotta Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) f'dan il-qasam.

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

(5) Sa mill-bidu, il-MMK għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali kien għodda importanti għall-appoġġ għal dan l-impenn politiku u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-UE biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforz tagħhom għal koeżjoni soċjali ikbar fl-Ewropa.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

(6) Il-MMK jgħin biex iqawwi t-tagħlim reċiproku u żied l-għarfien tan-natura multidimensjonali ta' l-esklużjoni u l-faqar. Il-MMK b'hekk joħloq il-kondizzjonijiet biex jiġi prodott impatt akbar fuq il-post u biex ir-rabta ta' l-Unjoni Ewropea mal-valuri soċjali ssir aktar viżibbli għaċ-ċittadini tagħha.

Billi:

(1) Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija wieħed mill-impenji ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

(7) Minkejja dawn il-kisbiet, partijiet sinifikanti tal-popolazzjoni għadhom ibatu minn privazzjoni jew minn aċċess limitat u inugwali għas-servizzi, jew huma esklużi mis-soċjetà. Ir-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2008 jenfasizza l-fatt li 78 miljun ruħ fl-Unjoni Ewropea, li 19-il miljun minnhom huma tfal, jgħixu friskju ta' faqar. Id-distakk bejn is-sessi hu ta' madwar żewġ punti perċentwali.

(2) It-Trattat ta' Amsterdam fl-1997 żied dispożizzjonijiet ġodda dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali fl-oqsma ta' l-attivitajiet eżistenti koperti mid-dispożizzjonijiet tal-politika soċjali tat-Trattat KE, b'mod partikolari l-Artikoli 136 u 137, u pprova qafas ġuridiku ġdid u bażi għal impenji politiċi ġodda f'dan il-qasam.

(3) Il-Kunsill Ewropew imlaqqa' f'Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000 irrikonoxxa li l-livell tal-faqar u l-esklużjoni soċjali kien inaċċettabbli. Il-bini ta' Unjoni Ewropea iktar inklużiva kien għalhekk meqjus bħala element essenzjali

(8) Barra minn hekk, l-inugwaljanzi fil-ġid u l-faqar estrem huma kwistjonijiet li qegħdin iqajmu dejjem aktar tħassib madwar l-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 224, 30.8.2008, p. 106.

⁽²⁾ L-Opinjoni tat-18 ta' Ġunju 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2008.

(9) Hemm hteġa li, fl-interess tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, jingħata appoġġ lir-reġjuni żvantaġġjati, liż-żoni bi żvantaġġi strutturali permanenti, lir-reġjuni l-aktar periferiċi, lil ċertu gżejjer u lil Stati Membri li huma gżejjer u liż-żoni li ġew affettwati minn deindustrijalizzazzjoni jew konverżjoni industrijali reċenti.

- (10) L-esklużjoni soċjali tagħmel ħsara għall-benesseri taċ-ċittadini, billi xxekkel il-kapaċità tagħhom li jesprimu lilhom infushom u li jieħdu sehem fis-soċjetà. Dan l-aspett għandu għalhekk jingħata viżibilità xierqa fis-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (minn hawn 'il quddiem, is-“Sena Ewropea”).
- (11) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar inventarju tar-realtà soċjali, il-Parlament Ewropew enfasizza li t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-eradikazzjoni tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali jridu jsiru prijorità politika għall-Unjoni Ewropea.
- (12) Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali trid tkun il-mira kemm fl-Unjoni Ewropea u kemm esternament, skond l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU, li għalihom impenjaw ruħhom l-UE u l-Istati Membri.
- (13) Il-problema tal-faqar u l-esklużjoni soċjali għandha forum wesgħin, kumplessi u multi-dimensjonali. Huma relatati ma' għadd kbir ta' fatturi, bħad-dħul u l-istandards ta' l-għejxien, il-ħtieġa ta' opportunitajiet għall-edukazzjoni u għal xogħol deċenti, sistemi effettivi ta' protezzjoni soċjali, akkomodazzjoni, aċċess għal servizzi tas-saħħa u oħrajn ta' kwalità tajba, kif ukoll ċittadinanza attiva. Għalhekk, il-partijiet interessati għandhom jiġu involuti fl-oqsma ta' politika kollha rilevanti.
- (14) Konsegwentement, il-prevenzjoni tal-faqar u l-ġlieda kontrih jirrikjedu linji politiċi multidimensjonali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali li jiżguraw bilanċ bejn il-linji politiċi ekonomiċi u soċjali u l-istrategġiji mmirati għall-gruppi jew il-persuni f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli. Is-Sena Ewropea tista' tgħin fl-istimulazzjoni ta' linji politiċi multidimensjonali bħal dawn kif ukoll fl-iżvilupp ulterjuri ta' l-indikaturi rilevanti.
- (15) L-Aġenda Soċjali 2005-2010, li tikkomplementa u tappoġġja l-Istrategġija ta' Lisbona, għandha rwol ewlieni fil-promozzjoni tad-dimensjoni soċjali tat-tkabbir ekonomiku u l-parteċipazzjoni attiva ta' ċittadini fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Waħda mill-prijoritajiet ta' l-Aġenda Soċjali hija l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd bħala strument għas-solidarjetà soċjali u interġenerazzjonali u għall-ħolqien ta' soċjetà ħielsa mill-faqar u aktar inklużiva.
- (16) Fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom dwar l-Inklużjoni Soċjali, diversi Stati Membri enfasizzaw ir-riskju għoli ta' faqar u/jew esklużjoni li jiffaċċjaw gruppi partikolari, inklużi t-tfal, dawk li jitilqu kmieni mill-iskola, familji b'ġenitur wieħed, familji kbar, familji b'paga waħda, iż-żgħażaġh, b'mod partikolari t-tfalijiet, l-anzjani, il-migranti u l-minoranzi etniċi, il-persuni b'diż-abbiltà u dawk li jieħdu hsiebbhom, in-nies bla dar, in-nies qiegħda, b'mod partikolari dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, il-ħabsin, in-nisa u t-tfal li huma vittmi ta' vjolenza, u dawk li jabbużaw severament mis-sustanzi. Il-linji politiċi nazzjonali u l-miżuri ta' appoġġ immirati lejn l-aktar gruppi vulnerabbli jista' jkollhom rwol importanti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.
- (17) Impjieġ deċenti jista' jnaqqas b'mod sinifikattiv ir-riskju ta' faqar għall-individwu. Madankollu, impjieġ fih innifsu mhux dejjem huwa biżżejjed biex jeħles lin-nies mill-faqar, u r-rata ta' dawk “fir-riskju ta' faqar” għadha relativament għolja anke għal dawk li jaħdmu. Il-faqar fost min għandu xogħol huwa marbut ma' pagi baxxi, mad-distakk fil-pagi bejn is-sessi, ma' ħilet baxxi, ma' opportunitajiet limitati għal taħriġ professjonali, mal-ħtieġa li jiġu kkonċiljati x-xogħol u l-familja, ma' kondizzjonijiet ta' impjieġ u tax-xogħol prekarji, u anke ma' kondizzjonijiet domestiċi diffiċli. Impjieġ ta' kwalità u appoġġ soċjali u ekonomiku huma għalhekk essenzjali biex jeħilsu lill-individwi mill-faqar.
- (18) In-nuqqas ta' kompetenzi u kwalifiki bażiċi adattati għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol li jinbidlu huwa ostaklu ewlieni għall-inklużjoni fis-soċjetà. Hemm periklu dejjem jikber li jkun hemm baħar jaqsam fis-soċjetà bejn dawk li għandhom aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja biex isaħħu l-impjegabilità u l-addattabilità tagħhom, u biex jiffaċilitaw l-iżvilupp personali u ċ-ċittadinanza attiva tagħhom, u dawk li jibqgħu esklużi u jiffaċċjaw forum ta' diskriminazzjoni varji. Dawk mingħajr ħilet adegwati jsibuha iktar diffiċli li jidħlu fis-suq tax-xogħol u jsibu xogħol ta' kwalità, huma iktar probabbli li jqattgħu perijodi twal bla xogħol u, jekk jaħdmu, huma iktar probabbli li jsibu ruħhom f'xogħlijiet b'pagi baxxi.
- (19) Id-disponibilità u l-abilità li wieħed juża t-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) qiegħed isir dejjem iktar prerekwiżit għall-inklużjoni. Dikjarazzjoni ministerjali approvata fil-11 ta' Ġunju 2006 f'Riga tappella għal soċjetà ta' l-informazzjoni għal kulħadd.
- (20) Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv ta' l-azzjoni Komunitarja fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija kemm din tgawdi minn appoġġ popolari u politiku wiesa'. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar l-opportunitajiet indaqs u dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni hi ta' appoġġ ukoll għall-għanijiet tas-Sena Ewropea. Is-Sena Ewropea għandha, għalhekk, isservi ta' katalista biex titqajjem kuxjenza, biex jinħoloq momentum u biex ikunu skambjati l-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-ġlieda kontra l-faqar. Hija għandha tgħin biex tiffoka l-attenzjoni politika u timmobilizza lil kull min hu kkonċernat sabiex jiġi avvanzat u msaħħaħ il-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali kif ukoll biex ikunu promossi aktar azzjonijiet u inizjattivi fil-livell Komunitarju u nazzjonali f'dak il-qasam, flimkien mal-persuni affettwati mill-faqar u r-rappreżentanti tagħhom.
- (21) Is-Sena Ewropea għandha tagħti spinta lil-linji politiċi ta' inklużjoni attivi bħala mezz għall-prevenzjoni tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali u għandha tgħin fil-promozzjoni ta' l-aħjar Prattiki f'dan il-qasam fi ħdan il-MMK.

- (22) Il-livelli differenti ta' progress li jkun sar fil-livell nazzjonali u d-differenzi fil-kuntesti u s-sensitivitajiet soċjo-ekonomiċi u kulturali nazzjonali, jitolbu li parti konsidervoli ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea jkunu ddeċentralizzati fil-livell nazzjonali, permezz ta' sistema ta' amministrazzjoni ċentralizzata indiretta skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾ u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jipreskrivi regoli ddetaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽²⁾.
- (23) Madankollu, id-definizzjoni tal-prijoritajiet politiċi fil-livell nazzjonali għandhom ikunu immonitorati mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tkun iġġarantita l-konsistenza ma' l-għanijiet strateġiċi miftiehma għas-Sena Ewropea u fl-aħħar nett ma' l-Għanijiet Komuni stabbiliti għall-MMK.
- (24) Koordinazzjoni effettiva bejn l-imsieħba kollha li jikkontribwixxu fil-livell Komunitarju, nazzjonali, reġjonali u lokali hija prerekwiżit fundamentali biex tiġi żgurata l-effikaċja tas-Sena Ewropea. L-imsieħba lokali u reġjonali għandhom rwol partikolari fil-promozzjoni ta' l-interessi ta' dawk li jgħixu fil-faqar jew f'esklużjoni soċjali.
- (25) Il-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri, għall-Istati ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim, għall-pajjiżi kandidati li qed jibbenefikaw mill-istrateġija ta' qabel l-ażżjoni u l-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istrumenti ta' ftehim rispettivi tagħhom, u għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP), skond id-dispożizzjonijiet tad-Dokument ta' Strateġija ta' Mejju 2004 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Pajjiż.
- (26) Is-Sena Ewropea tista' tgħin biex titjieb il-koordinazzjoni bejn il-programmi u l-inizjattivi eżistenti għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livell Komunitarju, inkluż il-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.
- (27) Għandha tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplimentarjetà ma' azzjoni Komunitarja oħra, b'mod partikolari mal-programm PROGRESS, il-Fondi Strutturali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), ma' azzjoni biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet fundamentali, u ma' l-azzjoni fl-oqsmha ta' edukazzjoni u taħriġ, dialogu kulturali u interkulturali, iż-żgħażaġh, iċ-ċittadinanza, l-immigrazzjoni u l-ażil, u r-riċerka.
- (28) Is-Sena Ewropea għandha tkompli bl-aħjar prattiki li jkunu nsiltu mis-Snin Ewropej preċedenti, inklużi s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd (2007) u s-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali (2008).
- (29) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-programm, li għandu jkun ir-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja fit-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interstituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja soda⁽³⁾.
- (30) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni⁽⁴⁾.
- (31) Billi l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jstgħux jintlaħqu għal kollox mill-Istati Membri minħabba fil-ħtieġa, fost l-oħrajn, ta' sħubijiet multilaterali, u ta' l-iskambju trans-nazzjonali ta' informazzjoni u t-tixrid mal-Komunità kollha ta' prattika tajba, u għalhekk jstgħu, minħabba fl-iskala ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sena Ewropea

Bil-ħsieb li tiġi appoġġjata l-azzjoni Komunitarja fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, is-sena 2010 għandha tkun nominata "is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali" (minn hawn 'il quddiem, is-"Sena Ewropea").

Artikolu 2

Għanijiet u prinċipji ta' gwida

1. L-għanijiet u l-prinċipji ta' gwida tas-Sena Ewropea għandhom ikunu kif ġej:

- (a) Rikonoxximent tad-drittijiet – ir-rikonoxximent tad-dritt fundamentali tan-nies f'sitwazzjoni ta' faqar u esklużjoni soċjali biex jgħixu b'dinjità u biex ikunu parti sħiħa mis-soċjetà. Is-Sena Ewropea ser iżżid l-għarfien pubbliku tas-sitwazzjoni tan-nies li qed jesperjenzaw il-faqar, b'mod partikolari dik ta' gruppi jew persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u ser tgħin biex tippromwovi l-aċċess effettiv tagħhom għal drittijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali kif ukoll għal riżorsi suffiċjenti u servizzi ta' kwalità. Is-Sena Ewropea ser tgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-istigmatizzazzjoni;

(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(2) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

(3) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

(4) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(b) Responsabbiltà kondiviża u parteċipazzjoni – iż-żieda fl-appartenenza pubblika tal-linji politiċi u l-azzjonijiet ta' l-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq ir-responsabbiltà kemm kollettiva u kemm individwali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni u l-appoġġ ta' attivitajiet volontarji. Is-Sena Ewropea ser tippromwovi l-involvement ta' atturi pubbliċi u privati, inter alia permezz ta' sħubijiet proattivi. Hija għandha trawwem il-kuxjenza u l-impenn u toħloq opportunitajiet biex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jagħtu sehemhom, b'mod partikolari dawk in-nies b'esperjenza diretta jew indiretta tal-faqar;

(ċ) Koeżjoni – il-promozzjoni ta' soċjetà iktar koeżiva billi titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-benefiċċji għal kulħadd ta' soċjetà fejn il-faqar huwa eradikat, fejn it-tqassim ġust huwa permess u fejn ħadd ma jkun emarġinat. Is-Sena Ewropea ser trawwem soċjetà li ssostni u tiżviluppa l-kwalità tal-ħajja, inkluża l-kwalità tal-kapaċitajiet u l-impjiegi, il-benesseri soċjali, inkluż il-benesseri tat-tfal, u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Barra minn hekk, hija ser tiżgura l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet u l-koerenza politika ma' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea madwar id-dinja;

(d) Impenn u azzjoni konkreta – it-tennija ta' l-impenn politiku qawwi ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri biex jagħmlu impatt deċisiv għall-eradikazzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-promozzjoni ta' dan l-impenn u ta' azzjonijiet fil-livelli kollha ta' governanza. Filwaqt li tkompli tibni fuq il-kisbiet u l-potenzjal tal-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea, billi tiffoka l-attenzjoni politika fuq, u timmobilizza l-partijiet interessati kollha, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, se tagħti spinta ulterjuri għall-azzjoni ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

2. Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-prijoritajiet elenkati fil-Parti IV ta' l-Anness.

Artikolu 3

Kontenut ta' l-azzjonijiet

1. L-azzjonijiet fil-livell Komunitarju u nazzjonali mfassla biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, dan li ġej:

(a) laqgħat u avvenimenti;

(b) kampanji promozzjonali, edukattivi u ta' informazzjoni;

(ċ) stħarriġ u studji fuq skala Komunitarja jew nazzjonali, ibbażati fuq il-ġbir ta' data maqsuma skond is-sess fejn ikun xieraq.

2. Id-dettalji ta' l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness.

3. L-azzjonijiet kollha indirizzati lejn pubbliku usa' għandhom ikunu faċilment aċċessibbli għal kulħadd, inklużi dawk li esperjenzaw il-faqar u dawk b'diżabilitajiet.

Artikolu 4

L-integrazzjoni tas-sessi

Is-Sena Ewropea għandha tieħu kont tar-riskji u d-dimensjonijiet tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali esperjenzati min-nisa u l-irġiel. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' l-integrazzjoni tas-sessi fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.

Artikolu 5

Kooperazzjoni u implimentazzjoni fil-livell Komunitarju

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet Komunitarji koperti minn din id-Deċiżjoni jiġu implimentati f'konformità ma' l-Anness.

3. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tiżgura l-konsistenza u l-komplimentarjetà ta' l-azzjonijiet u l-inizjattivi Komunitarji msemmija fl-Artikolu 10 bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

4. Il-Kummissjoni għandha tmexxi skambju regolari ta' fehmiet mal-partijiet interessati, inklużi dawk li jaħdmu ma' nies li jgħixu fil-faqar, b'mod partikolari fil-livell Ewropew, dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni tas-Sena Ewropea. Hija għandha tagħmel l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-pubbliku.

5. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi mill-qrib lill-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u, fejn ikun xieraq, tinforma jew tinvolvi lill-kumitati l-oħra rilevanti.

6. Il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tikkoopera ma' l-istituzzjonijiet, l-entitajiet, l-uffiċċji u l-aġenziji l-oħra ta' l-UE.

Artikolu 6

Kooperazzjoni u implimentazzjoni fil-livell nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar Korp Implimentattiv Nazzjonali biex jorganizza l-partiċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea u jiżgura koordinament fil-livell nazzjonali. Dak il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jkun responsabbli għad-definizzjoni tal-Programm Nazzjonali u l-prijoritajiet għas-Sena Ewropea u għall-għażla ta' azzjonijiet individwali biex ikunu proposti għal finanzjament Komunitarju. L-istrateġija u l-prijoritajiet nazzjonali għas-Sena Ewropea għandhom ikunu stabbiliti skond l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2.

2. Il-proċedura għall-għoti ta' finanzjament Komunitarju għal azzjonijiet fil-livell nazzjonali hija stabbilita fil-Parti II ta' l-Anness.

3. Fit-tweġiq tad-dmirijiet tiegħu, b'mod partikolari fit-tfassil tal-Programm Nazzjonali u kull meta jkun xieraq waqt l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea, il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jikkonsulta u jikkoopera mill-qrib ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati rilevanti, inklużi għaqdiet tas-soċjetà ċivili u għaqdiet li jiddefendu jew jirrappreżentaw l-interessi ta' dawk li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-imsieħba soċjali, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

Artikolu 7

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Kull rappreżentat ta' l-Istati Membri fuq il-Kumitat għandhom jinħatru, fejn ikun possibli, mill-Korp Implimentattiv Nazzjonali msemmi fl-Artikolu 6(1).

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. L-azzjonijiet fuq skala Komunitarja, kif stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness, jistgħu jiġu sussidjati sa 80 % jew jaġhtu lok għal kuntratt ta' akkwist iffinanzjat mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-azzjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jistgħu jiġu kofinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea sa massimu ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli totali ta' l-azzjonijiet skond il-proċedura stabbilita fil-Parti II ta' l-Anness.

Artikolu 9

Proċedura ta' applikazzjoni u għażla

1. Deċiżjonijiet dwar il-finanzjament ta' l-azzjonijiet skond l-Artikolu 8(1) għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2).

2. Talbiet għal għajjnuna finanzjarja għall-azzjonijiet skond l-Artikolu 8(2) għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Korpi Implimentattivi Nazzjonali skond il-proċedura stabbilita fil-Parti II ta' l-Anness.

Artikolu 10

Konsistenza u komplementarjetà

1. Il-Kummissjoni flimkien mal-pajjiżi parteċipanti, għandha tiżgura li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti ma' azzjonijiet u inizjattivi Komunitarji, nazzjonali, reġjonali u lokali oħra.

2. Barra minn dan, huma għandhom jiżguraw li s-Sena Ewropea tikkomplementa bis-sħiħ l-inizjattivi u r-riżorsi Komunitarji, nazzjonali u reġjonali eżistenti, fejn ikunu jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sena Ewropea.

Artikolu 11

Pajjiżi parteċipanti

Il-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea għandha tkun miftuħa għal:

(a) l-Istati Membri;

(b) il-pajjiżi kandidati li qed jibbenefikaw mill-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fi programmi Komunitarji stabbiliti, rispettivament, mill-Ftehim Qafas u mid-deċiżjonijiet tal-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni;

(c) il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, b'konformità ma' l-arranġamenti li għad iridu jiġu stabbiliti ma' dawk il-pajjiżi skond l-istrumenti ta' ftehim qafas dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Komunità;

(d) l-Istati ta' l-EFTA li huma partijiet fil-Ftehim taż-ŻEE, skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim;

(e) il-pajjiżi msieħba ta' l-ENP, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi Komunitarji stabbiliti fid-Dokument Strateġiku ta' Mejju 2004 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Pajjiżi. Kwalunkwe appoġġ finanzjarju Komunitarju għall-attivitajiet tal-pajjiżi msieħba ta' l-ENP f'dan il-kuntest għandhu jkun kopert mill-Istrument ta' l-ENP, skond il-prioritajiet u l-proċeduri stabbiliti għall-kooperazzjoni ġenerali ma' dawk il-pajjiżi.

Artikolu 12

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun ta' EUR 17 000 000, li EUR 6 500 000 minnu għandu jkun għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013.

Artikolu 13

Kooperazzjoni internazzjonali

Għall-fini tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkoopera ma' għaqdiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u n-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 14

Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skond *din* id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' l-ammonti mħallsa u mhux dovuti u, jekk jinkixfu irregolaritajiet, permezz ta' penalitajiet effettivi, proporzjonali u dissważivi, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ⁽²⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ⁽³⁾.

Artikolu 15

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni kumplessiva ta' l-azzjonijiet previsti minn *din* id-Deċiżjoni.

2. Ir-rapport għandu jipprovdi informazzjoni wkoll dwar kif id-dimensjoni tas-sessi għet integrata fl-attivitàjiet tas-Sena Ewropea u kif is-Sena Ewropea kienet ta' benefiċċju għal gruppi jew individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2008.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

J.-P. JOUYET

⁽¹⁾ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

ANNEX

Detalji ta' l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni**I. AZZJONIJIET FUQ SKALA KOMUNITARJA****1. Laqgħat u avvenimenti**

L-organizzazzjoni ta' laqgħat u avvenimenti fil-livell Komunitarju, maħsuba biex iqajmu kuxjenza dwar il-kwistjonijiet relatati mas-Sena Ewropea u dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll biex jipprovdu forum għall-iskambju ta' ideat. Dawn ser jiġbru flimkien lill-partijiet interessati rilevanti u jkun pjanati flimkien ma' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentawhom. Dawn il-laqgħat u l-avvenimenti għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' miżuri u Prattiki għall-għoti ta' setgħat lil kulħadd u jgħinu biex jiġu indirizzati lakuni fil-politika, kif ukoll biex iqajmu kuxjenza fost l-atturi u l-istituzzjonijiet rilevanti fir-rigward tad-dimensjonijiet multipli tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali (speċjalment fost in-nisa u t-tfal), inklużi fatturi bħall-aċċess għall-impjieg, l-akkomodazzjoni, il-ħarsien soċjali, l-appoġġ tal-familja, is-saħħa u s-servizzi soċjali.

2. Kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni li jinvolvu:

- L-organizzazzjoni ta' diversi inizjattivi ta' solidarjetà għat-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali biex iċ-ċittadini kollha jingħataw l-opportunità biex jikkontribwixxu direttament jew permezz ta' l-orgnaizzazzjonijiet tagħhom, anke jekk modestament u f'liema forma tkun. Kampanji tal-mezzi tax-xandir fil-livell komunitarju u nazzjonali jistgħu jagħtu appoġġ lill-operazzjonijiet ta' ġbir ta' fondi fil-qafas tas-Sena Ewropea,
- L-iżvilupp ta' logo, disponibbli f'diversi formati, u slogans għas-Sena Ewropea, għall-użu b'konnessjoni ma' kwalunkwe azzjoni marbuta mas-Sena Ewropea,
- Kampanja ta' informazzjoni fil-livell Komunitarju b'pożizzjoni fil-livell nazzjonali u *lokali*, ibbażata kemm fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tradizzjonali kif ukoll dawk ġodda flimkien ma' teknoloġiji ġodda,
- Il-produzzjoni ta' għodod tal-komunikazzjoni u tax-xandir disponibbli madwar il-Komunità biex jstimulaw l-interess pubbliku,
- Miżuri u inizjattivi xierqa biex jipprovdu l-informazzjoni, jixxandru r-riżultati u tiżdied il-viżibilità tal-programmi, ta' l-azzjonijiet u ta' l-inizjattivi Komunitarji li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea,
- Inizjattivi xierqa minn istituzzjonijiet edukattivi, organizzazzjonijiet mhux governattivi u assoċjazzjonijiet ta' karità fil-livell Komunitarju u nazzjonali, biex ixerrdu l-informazzjoni dwar is-Sena Ewropea u dwar il-miżuri rigward il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali,
- L-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet Ewropej li jenfazzjaw il-kisbiet u l-esperjenzi b'konnessjoni mat-temi tas-Sena Ewropea,
- Rabta qawwija ma' l-organizzazzjonijiet u s-setturi li normalment ma jkunux impenjati fi kwistjonijiet ta' faqar u esklużjoni soċjali (eż. sport, arti), inkluż l-użu ta' testimonjanzi u "ambaxxaturi",
- It-twaqqif ta' websajt ta' informazzjoni fuq – Ewropa.

3. Azzjonijiet oħrajn

- Stħarriġ u studji madwar il-Komunità, ibbażati fuq il-ġbir ta' dejta maqsuma skond is-sess, għall-valutazzjoni u r-rappurtar tat-thejjja, l-effettività u l-impatt immedjat u fuq perijodu twil tas-Sena Ewropea. Biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, stħarriġ ta' din ix-xorta ser ikejjel ukoll l-opinjoni pubblika dwar il-politika għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inklużi, fejn xieraq, sistemi ta' ħarsien soċjali, u għar-rwol potenzjali ta' l-Unjoni fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni. Dak l-istħarriġ ser isir fl-2009 biex ir-riżultati tiegħu jkun jistgħu jiġu ppreżentati fil-Konferenza Inawgurata tas-Sena Ewropea,

- Il-promozzjoni ta' studji dwar ir-rabta bejn il-faqar estrem u d-drittijiet fundamentali,
- Kooperazzjoni mas-settur privat, ix-xandara u l-mezzi l-oħrajn ta' komunikazzjoni bħala msieħba fit-tqassim ta' l-informazzjoni dwar is-Sena Ewropea kif ukoll fl-azzjonijiet immirati għal djalogu fit-tul dwar kwistjonijiet soċjali,
- Għajnuna teknika biex tiffaċilita t-trasferiment tat-tagħlim,
- Rapport ta' evalwazzjoni dwar l-effettività u l-impatt tas-Sena Ewropea.

Jistgħu jiġu stabbiliti rabtiet speċifiċi ma' l-organizzazzjoni ta' avvenimenti fil-livell Ewropew u internazzjonali, b'mod partikolari, billi jinħolqu sinerġiji bejn is-Sena Ewropea u l-attivitajiet żviluppanti madwar il-Jum Internazzjonali annwali tan-NU għall-Eradikazzjoni tal-Faqar fis-17 ta' Ottubru.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel użu minn għajnuna teknika u/jew amministrattiva għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u tal-pajjiżi parteċipanti, per eżempju billi tiffinanzja esperti minn barra dwar suġġett speċifiku.

4. Finanzjament

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 u 12 ta' din id-Deċiżjoni, il-finanzjament jista' jkun fil-forma ta':

- ix-xiri ta' merkanzija u servizzi, b'mod partikolari fil-qasam tal-komunikazzjonijiet, permezz ta' sejħiet għall-offerti;
- ix-xiri ta' servizzi ta' konsulenza, permezz ta' sejħiet għall-offerti;
- sussidji mogħtija biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' avvenimenti speċjali fil-livell Komunitarju biex tiġi enfasizzata u titqajjem kuxjenza dwar is-Sena Ewropea. Finanzjament bħal dan m'għandux jaqbeż it-80 % ta' l-ispiża totali mħallsa mill-benefiċjarju.

II. KOFINANZJAMENT TA' AZZJONIJET FIL-LIVELL NAZZJONALI

Dawn l-azzjonijiet għandhom iqisu l-ħtieġa li jiġu pprovduti opportunitajiet ta' finanzjament li jiżguraw aċċess għall-organizzazzjonijiet "fuq il-post" u proġetti li jinvolvu l-gruppi l-iktar marġinalizzati.

1. Azzjonijiet fl-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jistgħu jikkwalifikaw għal finanzjament mill-baġit Komunitarju sa massimu ta' 50 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli għal kull pajjiż parteċipant. Il-kofinanzjament nazzjonali għandu jaqbel mal-finanzjament ta' l-UE b'ta' l-inqas 50 % minn sorsi pubbliċi jew privati. Fl-għażla ta' l-azzjonijiet, il-Korpi Implimentattivi Nazzjonali ser ikunu liberi li jiddeċiedu jekk għandhomx, u fliema livell, jitollbu kofinanzjament mill-organizzazzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet individwali.
2. Wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ser tħejji Dokument Qafas Strateġiku, li, flimkien ma' l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, ser jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea, inklużi standards minimi f'termini ta' parteċipazzjoni f'korpi u azzjonijiet nazzjonali.
3. Bi tweġiba għad-Dokument ta' Qafas Strateġiku, kull Korp Implimentattiv Nazzjonali, wara li jikkonsulta s-soċjetà ċivili, ser jipproduċi Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea, b'koordinazzjoni mill-qrib u konsistenti ma' l-Istrateġiji Nazzjonali dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.
4. Kull Korp Implimentattiv Nazzjonali ser jippreżenta applikazzjoni waħda għall-finanzjament Komunitarju. Dik l-applikazzjoni għall-għotja ser tiddekrivi l-Programm Nazzjonali u l-prijoritajiet għas-Sena Ewropea, u l-azzjonijiet proposti għall-finanzjament. L-applikazzjoni għall-għotja ser tkun akkumpanjata minn baġit dettaljat li jfassal l-ispejjeż totali ta' l-azzjonijiet proposti u l-ammont u s-sorsi tal-kofinanzjament. L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal li tħallsu mill-korp implimentattiv nazzjonali.
5. Ir-rilaxx ta' għotjiet globali lill-pajjiżi parteċipanti ser jiddependi minn kemm l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni u żviluppanti fid-Dokument ta' Qafas Strateġiku jkunu ntlaħqu fil-Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.

6. Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-applikazzjonijiet għall-finanzjament Komunitarju ppreżentati mill-Korpi Implimentattivi Nazzjonali, inkluż billi tiġi eżaminata l-konformità tagħhom ma' l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni. Jekk ikun neċessarju, il-Kummissjoni ser titlob modifiki għall-applikazzjonijiet.
7. L-azzjonijiet skond il-punt 1 ta' hawn fuq jistgħu jinkludu:
- (a) Laqgħat u avvenimenti marbuta ma' l-għanijiet tas-Sena Ewropea, inklużi avvenimenti nazzjonali għat-tnedija u l-promozzjoni tas-Sena Ewropea, joħlqu effett katalista u jipprovdu spazji miftuħa għal dibattitu dwar azzjoni konkreta għall-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
 - (b) Seminars reċiproċi dwar it-tagħlim fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
 - (ċ) Avvenimenti oħrajn marbuta mat-tħejjija ta' inizjattivi fil-livell Komunitarju (eż il-Konferenza Ewropea Annwali dwar il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali u l-Laqqgħa Ewropea tan-Nies li qed Jesperjenzaw il-Faqar);
 - (d) Kampanji promozzjonali, edukattivi u ta' informazzjoni u azzjonijiet oħrajn fl-iskejjel u miżuri b'effett multiplikatur qawwi biex jintxerrdu l-prinċipji u l-valuri bażi li tiċċelebra s-Sena Ewropea fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż l-organizzazzjoni ta' premijiet u kompetizzjonijiet;
 - (e) Stħarriġ u studji minbarra dawk imsemmija fil-punt 3 tal-Parti I, biex teżamina iktar fil-fond il-kwistjonijiet ewlenin tas-Sena Ewropea;
 - (f) Opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema taċ-ċivil, l-imsieħba soċjali, il-mezzi tax-xandir, ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u atturi oħrajn biex jiżded l-għarfien tagħhom dwar il-fenomenu tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, dwar il-linji politiċi Ewropej u nazzjonali dwar l-inklużjoni soċjali u ta' l-għodod politiċi differenti disponibbli, biex tiżded il-kapaċità tagħhom li jitrattaw kwistjonijiet relatati mal-faqar, u biex jitħeġġew jieħdu sehem attiv fil-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
 - (g) Kooperazzjoni mal-mezzi tax-xandir;
 - (h) L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni pilota reġjonali u lokali għall-inklużjoni soċjali.

III. APPOĠĠ MHUX FINANZJARJU

Il-Komunità ser tagħti appoġġ mhux finanzjarju, inkluża awtorizzazzjoni bil-miktub biex jintuża l-logo speċifiku maħluq għas-Sena Ewropea u materjal ieħor assoċjat mas-Sena Ewropea, għall-inizjattivi meħuda minn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati, sakemm dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jipprovdu assigurazzjonijiet lill-Kummissjoni — abbażi ta' kriterji speċifiċi stabbiliti fid-Dokument ta' Qafas Strateġiku — li l-inizjattivi meqjusa qegħdin jew ser jitwettqu tul il-perjodu tas-Sena Ewropea u x'aktarx li jagħtu kontribut sinifikanti biex jintlaħaq wieħed jew iktar mill-għanijiet tagħha.

L-inizjattivi organizzati f'pajjiżi terzi f'assoċjazzjoni jew f'kooperazzjoni mas-Sena Ewropea jistgħu jirċievu wkoll appoġġ mhux finanzjarju mill-Komunità u jużaw il-logo u materjali oħrajn assoċjati mas-Sena Ewropea.

IV. PRIJORITAJIET GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SENA EWROPEA

Meta jittieħed kont tan-natura multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u bil-ħsieb li tiġi integrata l-prevenzjoni ta' u l-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali flinji politiċi oħrajn, l-attivitajiet tas-Sena Ewropea għandhom jimmiraw li jipproduċu valur miżjud ċar u tipprovdi komplement effettiv għall-MMK dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali. Dawn l-attivitajiet għandhom għalhekk jiffokaw fuq numru limitat ta' oqsma prijoritarji.

Fkonformità ma' l-analiżi li twettqet u l-prijoritajiet identifikati fir-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha tiffoka fuq it-temi li ġejjin:

- il-promozzjoni ta' strateġiji integrati multidimensjonali għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar, b'mod partikolari faqar estrem, u ta' approċċi li jkunu integrati madwar l-oqsma kollha tal-politika rilevanti;

- il-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal, inkluża t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar kif ukoll il-faqar fil-familji, b'attenzjoni speċjali fuq familji kbar, dawk b'ġenitur wieħed u dawk li qed jieħdu ħsieb persuna dipendenti, kif ukoll il-faqar li jiffaċċjaw it-tfal fl-istituzzjonijiet;
- il-promozzjoni ta' swieq ta' xogħol inklussivi, it-trattament tal-faqar fix-xogħol u l-ħtieġa li x-xogħol ikun irendi;
- l-eradikazzjoni ta' l-iżvantaġġi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż tahrġ fil-kompetenza diġitali u l-promozzjoni ta' aċċess indaqs għal kulħadd għall-ICT, b'attenzjoni partikolari fuq il-ħtieġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità;
- it-trattament tad-dimensjonijiet tas-sess u ta' l-età tal-faqar;
- l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal riżorsi u servizzi adatti, inklużi akkomodazzjoni deċenti, il-ħarsien tas-saħħa u dak soċjali;
- li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kultura u għal opportunitajiet ta' rilassament;
- l-għelbien tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali ta' l-immigranti u ta' minoranzi etniċi;
- il-promozzjoni ta' approċċi integrati għall-inklużjoni attiva;
- l-indirizzar tal-ħtieġijiet ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, persuni mingħajr dar, kif ukoll gruppi oħrajn jew persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Fl-ippjanar ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea b'konformità mal-prijoritajiet ta' hawn fuq, il-pajjiżi parteċipanti ser jaddattawhom għas-sitwazzjonijiet u l-isfidi nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-konsiderazzjonijiet tal-koeżjoni territorjali.

Fid-dawl ta' l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni għandha tiġi integrata fil-prijoritajiet kollha.

Skond l-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jqisu, fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea, il-modi differenti kif in-nisa u l-irġiel jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Huma ser jiżguraw ukoll li s-sessi jkunu integrati fil-prijoritajiet tas-Sena Ewropea bil-ħsieb li tiġi promossa l-ugwalanza bejn is-sessi.